MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 12/1993/1

**Grezzju Caruana u b' digriet tad-19 ta' Mejju 1999 stante l-mewt ta' l-imsemmi Grezzju Caruana l-gudizzju gie trasfuz fil-persuni ta' Carmela Caruana u uliedha Catherine, George, Anthony u Josephine; u Carmela Mifsud mart Guzeppi, kif ukoll l-istess Guzeppi Mifsud, bhala amministratur tal-Beni Parafernali u bhala Kap tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti**

**vs**

**Guzeppi Degabriele**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Novembru 2002 il-Bord li Jikkontrolla l-Kiri tar-Raba ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Bord,

Ra r-rikors ta’ Grezzju Caruana fejn espona;

Illi r-rikorrenti jikru lill-intimat ir-raba’ maghrufa bhala ‘Tal-Blajjiet’ ossija ‘Tal-Bost’. konsistenti fi tlett ihbula u habel iehor msejjah ‘Tan-Nemlu’ fil-kuntrada taz-Zonqor limiti ta’ Wied il-Ghajn, bil-kera komplessiva ta’ ghaxar liri maltin (Lm10) fis-sena, pagabbli kull 6 ta’ Lulju,

Illi l-intimati ghandhom bzonn l-istess raba’ sabiex jahdmuh huma u membri tal-familja taghhom fil-waqt li l-intimat ghandu raba’ ohra x’jahdem u huwa mpjegat.

Illi l-intimat mhux qed jiehu hsieb ir-raba lilu mikri u qed ihallieha tigrielu hsara sostanzjali.

TALAB li dan il-Bord joghgbu jawtorrizzhom jiehdu lura ir-raba’ fuq imsemmi, fil-waqt li jillikwida, jekk ikun il-kaz, kull kumpens dovut lill-intimat skond il-ligi.

Ra r-risposta tal-intimat Guzeppi Degabriele fejn eccepixxa;

1 Illi fl-ewwel lok l-gudizzju mhux integru billi hemm co-proprjetarji ohra li jopponu t-talba tar-rikorrenti;

2 Illi r-raba’ hija fonti importanti tal-ghexien tieghu billi huwa mhux qed jahdem bi qliegh;

3 Illi subordinatament l-pregudizzju ghall-intimat ikun ferm akbar jekk jigu milqugha t-talbiet tar-rikorrenti mill-pregudizzju li talvolta jistghu isofru l-istess rikorrenti;

4 B’riserva li jigi likwidat lilu l-kumpens xieraq lilu dovut skond il-ligi;

5 Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra n-nota tal-atturi pprezentata fit-3 ta’ Novembru 1993

Ra id-digriet tat-12 ta’ Novembru 1993 fejn intalbet korrezzjoni fl-avviz promotur;

Ra id-digriet tat-28 ta' Mejju 1996 fejn gew nominati zewg periti lil AIC Fredrick Valentino u lil AIC Anthony Mifsud

Ra r-relazzjoni tal-membri teknici;

Semgha x-xhieda prodotti;

Semgha t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidra:-

Illi ghalkemm bl-ewwel risposta tieghu l-intimat eccepixxa li l-gudizzju mhux integru billi hemm co-proprjetarji ohra li jopponu t-talba tar-rikkorenti, huwa ma gab ebda provi dwar din l-allegazzjoni u billi anzi jirrizulta mill-provi prodotti mir-rikorrenti li huma l-propjetarji tar-raba, il-Bord qed jirrespingi din l-eccezzjoni.

Fil-meritu jirrizulta illi l-ewwel kawzali avanzata mir-rikorennti hija dik tal-bzonn ikkontemplat fl-Artikolu 4 (2)(a) tal-Kap. 199 u ghalhekk jispetta lilhom li jipprovaw fl-ewwel lok il-bzonn taghhom ghar-raba 'de quo' u li dan kien jezisti fl-1993 meta ghamlu t-talba u li ghadhu jezisti sa' llum.

Ir-rikorrenti kkonfermaw dan il-bzonn billi ddikjaraw li huwa George Caruana li huwa lest li jibda jahdem ir-raba biex jissupplementa il-qligh tieghu mill-bejgh tal-gelati u dan il-bzonn ma giex ikkontestat mill-intimat.

Ghalhekk stabbilit il-bzonn tar-rikorrenti, biex tista tintlaqa t-talba taghhom irid jirrizulta ukoll li r-raba in kwistjoni ma hux fonti mportanti ghall-ghajxien tal-intimat u tal-familja tieghu u, f'kaz li jirrizulta mod iehor, ir-rikorrenti jridu jippruvaw li bzonn ta George Caruana huwa ikbar minn dak ta' l-intimat.

Evidentement il-provi dwar l-importanza tar-raba ghall-intimat iridu jirreferu ghaz-zmien ta meta gie ntavolat ir-rikors odjern u ghalhekk ghas-sena 1993 u z-zmien precedenti, bic-cirkostanzi l-ohra li avveraw ruhhom matul dawn il-proceduri ikollhom biss rilevanza ghal fini ta korroborazzjni u kredibilita'.

Izda l-intimat ghazel li jillimita ruhhu biex jikkoncentra fuq il-qadgha tieghu mis-sena 1995 , cioe' minn meta rregistra bhala 'full time farmer', fil-mori tar-rikors, sa'llum.

Ghal dak li jirrigwarda x'kien il-bzonn tieghu jew almenu x'kien jiswa ghalih ir-raba in kwistjoni fiz-zmien ta qabel ma gie pprezentat ir-rikors huwa ma gab ebda prova hlief li jikkonferma li kien kuntrattur, jahdem ta bennej u mpjegat 'full time' ma diversi kumpanija fix-xoghol ta kostruzzjonijiet edilizji. Infatti jirrizulta li sa l-1997 u f'kuntratt ta donazzjoni minnhu lill-bintu kien ikkwalifika ruhhu bhala 'bennej'.

Ghalhekk ma jirrizultax li fiz-zmien tal-prezentata tar-rikors ir-raba 'de quo' kien fonti mportanti ghall-ghajxien tal-intimat u l-familja tieghu jew li dan kellhu xi bzonn ghall-istess raba u kull progett li seta dahal ghalih matul dawn il-proceduri ma jistghax jippregudika lis-sidien rikorrenti.

Ghaldaqstant isib li tirrizulta il-kawzali tal-bzonn tar-rikorrenti u konsegwentement jilqa t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tar-raba' maghruf bhala 'Tal-Blajjiet' ossija 'Tal-Bosk'. konsistenti fi tlett ihbula u habel iehor msejjah 'Tan-Nemlu' fil-kuntrada taz-Zonqor limiti ta' Wied il-Ghajn, kif deskritt fir-relazzjoni peritali hawn annessa bhala parti integrali ta din id-decizjjoni u fil-waqt li jiddikjara ukoll li ma huwa dovut ebda kumpens lill-intimat fin-nuqqas ta benefikati kif prospettat mill-ligi u kif ikkonstataw il-Membri Teknici u ghall-fini tal-izgumbrament mill-intimat tiffissa terminu sal-15 ta Awissu 2003.

Bl-ispejjez kontra l-intimat."

L-intimat hass ruhu aggravat b' din id-decizjoni u permezz tal-prezenti appell talab ir-revoka taghha. L-ilmenti, kif impustati minnu huma dawn:

(1) Il-Bord kien zbaljat meta kkonkluda li r-rikorrenti ghandhom bzonn ir-raba. F' dan il-kuntest jissottometti illi l-iskop tas-sidien appellati hu dak li jkeccu lilu mir-raba, li dawn ghandhom raba iehor ghad-disposizzjoni taghhom, li f' kull kaz billi r-rikorrenti huma hafna l-introjtu jkollu jigi spartit bejniethom u dan ihallilhom qliegh irrizorju;

(2) Il-Bord ma apprezzax sew il-provi. Huwa jikkontendi li gab prova li hu full time farmer kif ukoll li r-rikavat mir-raba de quo jikkompara sew mad-dhul totali tieghu mir-raba kollu fil-pussess tieghu. Isostni wkoll, bi kritika ghal motivazzjoni ohra tal-Bord, illi hu gab prova tat-tibdil li kien kostrett jissubixxi minhabba li gie mwaqqaf mix-xoghol. Dippju wera wkoll illi r-raba jenhtiegu biex jghix hu u l-familja tieghu;

Qabel kull osservazzjoni fuq il-precitati aggravji tajjeb li jigi precizat illi fil-mori tal-kawza r-rikorrenti sidien talbu z-zieda ta' kawzali fis-sens illi l-intimat kerrej taghhom ma kienx qed jiehu kura tar-raba u dan kien qed jigrilu hsara sostanzjali. Is-sentenza appellata ma okkupatx ruhha minn din il-kawzali tant li ma nsibu l-ebda kumment dwarha u ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tindaga dwar l-aggravju sollevat mill-appellanti fuq dan is-suggett;

Effettivament, mill-qari tas-sentenza appellata jidher ben evidenti illi l-Bord illimita ruhu ghall-konsiderazzjonijiet dwar il-kawzali li originarjament kienet rizervata ghall-kwestjoni tal-bzonn vantat mir-rikorrenti sidien. Kawzali din li tirriproduci, mod jew iehor, il-lokuzzjoni tas-subparagrafu 2 (a) ta' l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 199 li jipprovdi li l-Bord jilqa' t-talba tas-sid jekk dan jipprova illi "jehtieg ir-raba biex jigi wzat ghal skopijiet agrikoli minnu personalment jew minn xi membru tal-familja personalment …";

Ghandu jigi nnotat illi ma' dan l-artikolu hu abbinat ukoll il-proviso li jghid li anke fil-kaz prevvist fl-imsemmi subparagrafu 2(a), "mhux raguni bizzejjed biex jigi milqugh ir-rikors ta' sid il-kera, jekk il-kerrej jipprova li r-raba in kwestjoni jkun fonti importanti ta' l-ghixien tieghu u tal-familja tieghu u jekk il-Bord ikun sodisfatt li l-kerrej ibati aktar minn sid il-kera jekk ir-rikors jigi milqugh.";

Jinsab spjegat fis-sentenza fl-ismijiet "**Jane armla minn John Mary Calleja *et* -vs- Francesco Calleja *et***", Appell, 6 ta' Ottubru 2000, illi skond it-test tal-ligi fuq riprodott, "l-iter procedurali li kellu allura jigi segwit mill-Bord kien is-segwenti:-

"(a) Il-Bord kellu jkun sodisfatt illi s-sid tar-raba kien jehtiegu biex jigi wzat ghal skopijiet agrikoli minnu personalment jew minn xi membru tal-familja. Din il-prova kellha ssir qabel kollox u fl-ewwel lok minn sid il-kera;

"(b) Il-kerrej kellu mbaghad jipprova li r-raba in kwistjoni kien fonti importanti ta' l-ghixien tieghu u tal-familja tieghu;

"(c) Jekk dan l-element jigi sodisfacentement pruvat mill-kerrej, il-Bord kellu jikkonduci l-ezami komparattiv li l-ligi tesigi biex ikun sodisfatt li l-kerrej kien ser ibati aktar minn sid il-kera jekk ir-rikors jigi milqugh.";

Issa kwantu jolqot il-proposizzjoni nkwadrata taht (a) fis-sentenza precitata, jinsab deciz illi d-disposizzjoni tas-subinciz 2(a) ta' l-Artikolu 4 "tistabbilixxi bhala prerekwiziti sine qua non ghar-ripreza tal-fond fuq din il-kawzali (a) li r-ripresa tkun mehtiega ghal skopijiet agrikoli; (b) illi sid il-kera kien qed jitlob ripreza tieghu biex juza r-raba personalment jew biex jigi wzat minn xi membru tal-familja tieghu personalment; (c) li allura l-persuna, kwalifikata skond din id-disposizzjoni biex taghmel uzu mir-raba, tkun gabillott." - "**Mario Mizzi *et* -vs- Victor Stellini**", Appell, 23 ta' Gunju 2000;

Jidher mis-sentenza appellata illi l-Bord kien sodisfatt illi dawn it-tliet elementi gew ipprovati mis-sidien tar-raba fuq il-bazi tar-rizultanzi processwali u ghadda biex accetta l-kawzali kif impustata. F' dan, mid-dicitura ta' l-istess

Artikolu 4 (2), jidher li l-ligi riedet taghti lill-Bord diskrezzjoni ampja u halliet l-apprezzament tac-cirkostanzi fil-prudenza ghaqlija tieghu biex jiddeciedi jekk ir-rikorrenti ssodisfawx l-element tal-bzonn. Ri-ezaminati l-istess provi din il-Qorti ma ssibx li tista' ticcensura l-konkluzjoni tal-Bord fuq dan il-punt. Bhal Bord tinsab sodisfatta illi r-rikorrenti rnexxielhom jiddemostraw li r-raba de quo kien mehtieg fl-interess ta' George Caruana, iben ir-rikorrenti Grezzju Caruana biex dan jissupplimenta d-dhul tieghu. Skond l-istess George Caruana huwa lest li jahdem dan ir-raba bl-ghajnuna ta' missieru u zitu li huma ulied ir-raba (ara affidavit tieghu a fol. 7). Fuq kollox, kif sewwa gie notat ukoll mill-Bord, ma jidherx li fuq dan l-aspett l-appellant kkontrasta l-bzonn hekk kwalifikat u spjegat mir-rikorrenti sidien;

Fil-verita` l-vera kontestazzjoni ta' l-appellant kienet dik li jirrezisti t-talba tar-rikorrenti fuq id-difiza li r-raba kien fonti importanti ghall-ghixien tieghu u tal-familja. "Dan ifisser illi l-inkwilin jista' jinvoka u jottjeni l-protezzjoni shiha tal-ligi kontra l-izgumbrament biss jekk qabel xejn jipprova li r-raba hu fonti importanti ghall-ghixien tieghu. Mhux bizzejjed illi r-raba jkun ghall-inkwilin fonti ta' dhul; irid ikun fonti mportanti tal-ghixien. Dana fis-sens illi jekk jonqos dak id-dhul, il-mezzi tal-ghixien tieghu kienu ser ikunu markatament pregudikati, anke jekk mhux necessarjament b' mod determinanti jew vitali. Din il-prova trid - skond il-ligi - issir mill-inkwilin." - "**Giuseppa Mizzi et -vs- Joseph Sacco**", Appell, 31 ta' Mejju 1996; "**Nazzareno Farrugia -vs- John Aquilina**", Appell, 29 ta' April 1996;

F' dan il-kaz jidher li l-Bord ma kienx sodisfatt illi l-appellant skarika l-piz tal-prova hekk inkombenti fuqu. Huwa ddeduca dan mill-fatt illi l-intimat naqas li jaghti ndikazzjoni dwar id-dhul tieghu mir-raba fil-mument ta' l-intavolar ta' l-azzjoni da parte tas-sidien fl-1993;

L-appellant ma jidherx li jikkontesta din id-deduzzjoni tal-Bord izda jikkritikaha ghall-fatt illi l-Bord ma hax konjizzjoni tat-tibdil fil-qaghda tieghu meta ntemmlu l-impjieg bhala bennej u ghadda biex assuma x-xoghol fir-

raba bhala “full time farmer” fl-1 ta’ Jannar 1995 (ara dokument ta’ l-ETC a fol. 119);

Kieku din il-Qorti kellha taccetta dan l-ilment ta’ l-appellant tkun qed tirriskja li tiftah il-bieb berah ghal kull min fil-kors tal-proceduri jfettillu bil-volonta unilaterali tieghu jimmodifika u jvarja l-istat ta’ fatt minn dak li kien fil-bidu tal-proceduri.  Dan bir-riskju ovvju li tigi stultifikata kull talba konsimili ghal din intiza ghar-ripreza tar-raba fuq il-bazi tal-bzonn u jew wkoll ghal kull talba taht xi wiehed mill-motivi l-ohra elenkati mil-ligi fl-Artikolu 4(2) tal-ligi specjali (Kapitolu 199).  Hekk, per ezempju, kif hekk sehh proprju f’ dan il-kaz, intimat jinghata brevett ta’ immunita` mill-konsegwenzi tas-subparagrafu (f) jekk fil-mori tal-kawza jiddeciedi li jsewwi l-hitan tar-raba mill-istat li kienu fil-bidunett tal-kawza u tat-talba bazata fuq dik il-mankanza tieghu li jzomm fi stat tajjeb l-istess hitan jew xi obbligu iehor tal-kirja.  Dan, ghal din il-Qorti mhux accettabbli;

Il-Qorti mhix propensa tiskarta l-fatt illi fil-kaz in ispecje l-appellant, kif hekk kien fid-dover li jaghmel, naqas li jgib prova dwar kemm effettivament kien id-dhul tieghu annwali mill-prodott tar-raba in kwestjoni fl-1993 u fis-snin precedenti.  Hekk ukoll allura naqas milli jipprova l-proporzjoni tad-dhul minn dak ir-raba fil-konfront tad-dhul kollu tieghu.  F’ dawn ic-cirkostanzi ghalhekk ma jistax ragonevolment jinghad illi gie provat illi r-raba, proprjeta` tar-rikorrenti, jikkostitwixxi fonti mportanti ghall-ghixien ta’ l-intimat jew tal-familja tieghu;

In vista ta’ din il-konkluzjoni hekk affermanti r-ragonament tal-Bord, din il-Qorti ma jidhrilhiex li hu l-kaz li tghaddi biex tezamina kwestjonijiet ohra.  Dan anke ghaliex, kif gja manifest, hu biss wara li jigi stabbilit li r-raba kien hekk fonti ghall-ghixien illi l-Bord, u allura wkoll din il-Qorti, kien mistenni li jidhol biex jaghmel studju komparattiv bejn it-tbatija li jkun ser isofri l-kerrej jekk jigi ordnat jitlaq ir-raba, u t-tbatija li jsofri s-sid u l-familja tieghu jekk ma jigux awtorizzati jirriprendu l-pussess tieghu.  Ara “**Anthony Abela *et* -vs- Francis Degabriele**”, Appell, 9 ta’ Lulju 1999.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat appellant.  Ghall-fini ta' l-izgumbrament din il-Qorti jidhrilha li hu xieraq li tikkonferma d-data tal-15 ta' Awissu 2003, stabbilit mill-Bord, tenut rigward tal-fatt li dan ir-rikors issa ilu pendenti ormai hdax-il sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------